# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 22 ta' Marzu 2000**

**Numru 88**

**Citaz. numru 603/92 DS**

Avukat Dottor Robert Staines bhala rapprezentant tas-socjeta` Formosa & Camilleri Ltd., u dina bhala agenti Malta tas-socjeta` assikuratrici estera Guardian Royal Exchange Assurance Plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha s-socjeta` Muscats Motors Limited, u b'nota ta' l-10 ta' Marzu 1999 l-Avukat Dottor Joseph Zammit McKeon ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Atlas Insurance Agency Limited bhala agenti Malta tas-socjeta` estera Guardian Royal Exchange Assurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha s-socjeta` Muscats Motors Limited assuma fil-vesti ta' attur fil-kwalita` tieghu premessa l-atti tal-kawza minflok l-Avukat Dottor Robert Staines bhala rapprezentant tas-socjeta` Formosa & Camilleri Ltd.

vs

William L. Harding u John C. Cooper, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Cassar & Cooper (Shipping & Insurance) Limited, agenti Malta ta' Mitsui O.S.K. Lines Ltd., armaturi tal-vapur MARINA ACE

u

Godwin Abela, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd.

Illum, 22 ta’ Marzu 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-6 ta’ Mejju 1992 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta illi s-socjeta' Muscat's Motors Limited imporrtat Mill-Gasppun tmienja u ghoxrin (28) vettura tal-marka Daihatsu fuq il-vapur MARINA ACE li ghabba mill-portijiet ta' Kobe u Nagoya fil-Gappun stess (Dok. 1 u Dok. 2);

Illi wara l-wasla tal-bastiment f'Malta fit-8 ta' Mejju 1991, meta l-importatur mar jiehu konsenja tal-vetturi importati, irrizulta li kien hemm in-nuqqas u hsara elenkati fid-Dok. 3;

Illi ghal dan in-nuqqas u hsara l-assikurazzjoni attrici, kif obbligata, hallset is-somma ta' elfejn mitejn tlieta u sebghin lira tmenin centezmu (Lm2273.80), li minnhom mija u tnax il-lira (Lm112) kienu survey fees, u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet tad-ditta importattrici (Dok.4);

Illi s-socjetajiet konvenuti jew min minnhom huma responsabbli ghall-imsemmi nuqqas u hsara;

talab lil din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi li:

1. tiddikjara lis-socjetajiet rispettivi li huma jirrapresentaw responsabbli, jew min minnhom, ghan-nuqqas u hsara fuq riferita; u

2. tikkundannahom nomine, jew min minnhom biex ihallsu lill-attur is-somma ta' elfejn mitejn tlieta u sebghin lira tmenin centezmu (Lm2273.80) in linea ta' danni sofferti mill-importatur u surrogati lill-attur nomine, bl-interessi mid-data tal-pagament indikata fis-surroga fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi.

Bl-ispejjez, kontra l-konvenuti nomine li huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Godwin Abela nomine fejn qal:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li s-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd., ikkonsenjat u qdiet il-funzjonijiet kollha bid-diligenza rikjesta minnhom mill-ligi.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti William L. Harding et nomine fejn qalu:

1. Illi in kwantu diretti kontra l-eccipjenti nomine it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-eccipjenti nomine mhumiex responsabbli ghall-hsarat u nuqqasijiet allegati.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-eccipjenti m'ghandhomx ibatu s-survey fee stante li din mhijiex parti mid-danni ta' l-assigurat (sentenza ta' l-Appell Sede Kummerc: Citaz. Nru. 112/86 - 6/4/92 - Dr. R. Staines et noe vs Chev. Silvio Mifsud noe et)

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-interessi legali ghandhom jiddekorru mid-data tan-notifika tac-citazzjoni (sentenza ta' l-Appell Sede Kummerc: Citaz. Nru. 112/86 - 6/4/92 - Dr. R. Staines et noe vs Chev. Silvio Mifsud noe et)

4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, ir-responsabilita' ta' l-eccipjenti nomine hija limitata skond il-polza tal-kariku.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut Godwin Abela nomine fejn qal:

1. Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet gia sollevati, l-konvenut Godwin Abela nomine m'hux responsabbli ghall allegati danni/nuqqas u dana ai termini tal-Artikolu 70 tal-Port Regulations 1966 (Amended by Legal Notice 28/73) peress li tali merkanzija hija meqjusa bhala "units" u tinghata biss ricevuta bhala tali "units".

2. Illi ai termini tal-Artikolu 6 (3) (a) (v) (vi) tal-Port Ordinance 1962 la darba tali merkanzija kienet meqjusa bhala "units" dan l-Artikolu jezemi ovvjament lis-socjeta' konvenuta minn kull responsabilita.

3. Illi wkoll a bazi tal-Artikolu 90 u Schedule 13 tal-Port Regualations. 1966 l-impurtatur jaf li tali merkanzija tinhazen "in the open and always at the sole risk of the owner" u ghalhekk anke f'dan il-kaz is-socjeta' konvenuta mhux responsabbli.

4. Illi dwar is-survey fees hemm diversi sentenzi li ighidu li tali fees mhux dovuti peress li l-attur ma giex surrogat ghal-istess u di piu saru minn socjeta' li lanqas biss hija fil-kamra tal-Institute of London Underwriters.

5. Illi fl-ahharnett dwar l-imghax (1) dan mhux dovut lanqas, stante li s-socjeta' esponenti qatt ma giet interpellata thallas ebda ammont determinat. (2) qatt ma giet surrogata fl-interessi mill-assigurat taghha u hallset biss ghaliex sostniet li kienet obbligata thallas taht polza ta' assigurazzjoni li lanqas biss giet esebita fil-process, (3) din si tratta dwar kawza ta' danni, u ghalhekk ammont ta' likwidanzi u dan jigi stabilit biss permezz ta' sentenza, iktar u iktar meta s-socjeta esponenti m'ghandha ebda relazzjoni mas-socjeta' attrici hlief tramite polza li qatt ma giet esebita.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet tal-20 ta' Ottubru 1992 fejn gie nominat l-Avukat Dottor Philip Manduca bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fil-5 ta' Novembru 1999;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Permezz ta' din il-kawza s-socjeta` assikuratrici attrici talbet rimborz minghand is-socjetajiet konvenuti jew min minnhom tas-somma minnha mhallsa wara *claim* li ghamlet is-socjeta` assikurata Muscats Motors Limited ghal hsara u nuqqasijiet f'vetturi li l-istess socjeta` assikurata importat f'Malta.

Il-vetturi koncernati kienu 28 Daihatsu li jidher li waslu Malta abbord il-bastiment MARINA ACE fid-9 ta' Mejju 1991 u skond it-*tally sheet* esebit mis-socjeta` konvenuta Cassar & Cooper (Shipping and Insurance) Ltd li kopja tinsab annessa man-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha kif ukoll minn kopja ohra, li tidher li hi ta' l-istess dokument, esebita minn Sandro Miceli fis-seduta peritali tat-22 ta' Frar 1996, ma tirrizulta l-ebda rimarka dwar l-istess vetturi.

Roger Satariano, *tally clerk* li tqabbad mis-socjeta` konvenuta Cassar & Cooper u li kien it-*tally clerk* li rrediga l-imsemmi *tally sheet*, kkonferma li hu ra l-karrozzi qabel ma nizlu minn fuq il-vapur. Kellu mieghu assistant fuq in-naha l-ohra tal-karrozza hi u niezla u t-tnejn li huma jezaminaw il-karrozza. Jaghmlu rimarka jekk ikun il-kaz. Hu ma jiftahx il-karrozzi izda jittawwal mit-tieqa; lanqas ma jiftah *bonnet* jew *booth*. Jekk jara l-vojt fejn suppost ikun hemm *cassette* jaghmel rimarka.

Jirrizulta wkoll li waqt il-process ta' hatt tal-vetturi kien hemm prezenti Pierre Vella u Paul Ellul, surveyors li jahdmu mas-socjeta' H. Vassallo Ltd. u li tqabbdu mill-istess socjeta` konvenuta Cassar & Cooper. Pierre Vella esebixxa *survey report* (Dok. PV) waqt seduta peritali tas-27 ta' Settembru 1994. Kemm hu kif ukoll Paul Ellul ikkonfermaw il-kontenut ta' l-istess rapport u spjegaw il-process li juzaw fl-ezami tal-vetturi huma u nizlin minn fuq il-vapur li jinkludi wkoll li jifthu l-karrozzi. Minn dan ir-rapport ma jirrizultawx la hsarat u lanqas nuqqasijiet fil-vetturi Daihatsu.

Minn dawn il-provi, u hawn irid jinghad li ma ngabux provi kuntrarji, jirrizulta li l-vetturi in kwistjoni tnizzlu kollha minghajr hsarat u nuqqasijiet. Apparti dan jidher wkoll li kienu in effetti anke gew konsenjati abbord minghajr hsarat u nuqqasijiet (ara f'dar-rigward l-invoices Dok. 5 u 6 a fol. 22 sa 27 u l-poloz ta' kariku Dok. 1 u 2 a fol. 6 u 7). Ghalhekk ghandha tigi milqugha l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta Cassar & Cooper. L-istess vetturi ghaddew imbaghad f'idejn is-socjeta` konvenuta l-ohra The Cargo Handling Co. Ltd. u baqghu fil-kustodja taghha sal-21 ta' Mejju 1991.

Joe Catania, impjegat mas-socjeta` assikurata Muscats Motors Ltd., ezamina l-vetturi qabel ma nhargu. Waqt seduta peritali tat-18 ta' Gunju 1993 huwa esebixxa bhala Dok. JC1 dokument intestat "NEW CARS CONDITION REPORT/SUMMARY". Skond dan id-dokument kien hemm diversi nuqqasijiet kif ukoll *indicator* wiehed imkisser. Waqt li kien qed jezamina l-vetturi ma qalx la lil tad-Dwana u lanqas lil tal-Cargo

Handling biex imorru mieghu. Wara li kien ezamina l-vetturi kollha, baghat lil Sandro Bugeja, *shipping clerk* ma' l-istess socjeta` Muscats Motors Ltd., biex igib il-*gate pass-out*.

Issa skond dan il-*gate pass-out* (bin-numru A181145) li kopja giet esebita minn Joe Pace Bonello bhala Dok. JPB fis-seduta peritali ta' l-1 ta' April 1996, il-vetturi gew rilaxxati b'dawn in-nuqqasijiet:

*"Short of 9 cassettes, 4 lever knobs, 4 tool sets".*

Skond in-"NEW CARS CONDITION REPORT/SUMMARY" (Dok. JC1) kien hemm *9 cassettes*, *3 lever knobs*, u *5 tool sets*, oltre *right side indicator broken*. Jigi osservat li l-figuri kontenuti fid-Dok. JC1 jirrispekkja precizament dak li hemm fis-*'small claim' information form* (Dok. 4 a fol. 9).

Noel Ellul, *marine claims executive* ma' Formosa & Camilleri Ltd., xehed (fis-seduta peritali tad-19 ta' April 1993) li meta s-socjeta` assikurata nfurmatu permezz ta' telefonata dwar in-nuqqasijiet u hsara huwa ma setax jinzel dik il-gurnata li hargu l-karrozzi izda vverifikahom il-gurnata ta' wara, cioe` fit-22 ta' Mejju 1991. Sussegwentement halsu lill-importatur is-somma komplessiva ta' Lm2161.80 u gew surrogati fid-drittijiet tieghu. Spjega wkoll li vverifikaw li l-vetturi kienu ntbaghtu mis-*supplier* bl-affarijiet kollha minn ezami tad-dokumenti li huwa esebixxa kopja taghhom bhala Dok. NE3.

Il-Qrati taghna kellhom diversi okkazjonijiet fejn ikkummentaw dwar l-importanza tat-*tally sheet* u tal-*gate pass-out* fir-ricerka tar-responsabbilta`. Il-perit legali kkwota minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fit-2 ta' Mejju 1989 fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Felice Pace noe vs Godwin Abela noe" (Vol. LXXIII.iv.948). Il-Qorti tixtieq ukoll taghmel referenza ghal dak li ntqal fil-kawza fl-ismijiet "Michael Gatt noe vs L-Avukat Philip Sciberras noe et" deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell Kumercjali fl-20 ta' April 1995 (Vol. LXXIX.ii.903):

*"Ghaz-zewg mumenti fokali hemm il-prova dokumentarja li ghandha* ***juris tantum*** *tkun deciziva. Meta l-merkanzija tigi skarikata minn fuq il-bastiment jigi kkompilat rapport fuq l-istat li fih tinzel il-merkanzija minn abbord – it-****tally sheet****; u ghat-tieni mument, qabel il-merkanzija tohrog mid-Dwana u tigi kkonsenjata lill-importatur, dan jirrilaxxja certifikat lill-Kontrollur tad-Dwana fuq l-istat tal-merkanzija li jkun qed jircievi – l-****Gate Pass-Out****;*

*Dawn iz-zewg dokumenti ghandhom jitqiesu bhala decizivi u li jorbtu l-partijiet kollha fil-kawza li ghandhom l-opportunita`, f'waqtha* ***a***

***tempo vergine**, li jikkontrollaw u jipprecizaw ir-registrazzjoni ta' l-istat ta' fatt. Provi **a posteriori** ta' dawk iz-zewg mumenti m'ghandhomx valur kontra l-prezunzjoni **juris tantum** li dawk id-dokumenti huma veri u awtentici, dokumenti li gew ikkompilati tempestivament u fil-mumenti opportuni."*

Kif diga` ntqal aktar 'il fuq, tezisti diskrepanza bejn id-dokumenti redatti: minn naha dawk kompilati mis-socjeta` importatrici u s-socjeta` assikuratrici, u min-naha l-ohra il-*gate pass-out* kompilat mis-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. Fil-fehma tal-Qorti, galadarba fir-rilaxx tal-*gate pass-out* ma jirrizultax li din is-socjeta` sabet xi diffikulta` biex tnizzel in-nuqqasijiet li effettivament nizzlet, jekk kienu jezistu nuqqasijiet ohra u l-hsara msemmija l-importatur seta' nsista li dawn jitnizzlu wkoll. Barra minn hekk f'dan il-kaz ma sarx *survey* taghhom qabel ma nhargu mill-importatur u r-rapprezentant tas-socjeta` assikuratrici ezaminahom l-ghada li nhargu. Ghalhekk id-danni rizultanti definittivament mill-provi huma dawk deskritti fil-*gate pass-out*, u cioe`:

9 cassettes @ Lm227.36 ……………………………… Lm2046.24

4 (mhux 5 kif qal il-perit legali) @ Lm4.21 ………….. 16.84

4 tool sets @ Lm18.18 (mhux Lm18) ………………… 72.72

It-total rizarcibbli huwa ghalhekk ta' Lm2135.80.

Illi qabel ma l-Qorti tghaddi biex tiddeciedi dwar ir-responsabbilta` pero` jridu l-ewwel jigu ezaminati l-eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjeta` konvenuta Cargo Handling:

L-ewwel eccezzjoni hi mibnija fuq ir-Regolament 70 tal-Port Regulations 1966, liema regolament jipprovdi ghal kif ghandhom jinhargu rcevuti u ma jghid xejn dwar helsien minn responsabbilta`. Ghalhekk din l-eccezzjoni hi michuda.

It-tieni eccezzjoni hi wkoll michuda peress li ma jidhirx li s-subartikolu 3 ta' l-artikolu 6 tal-Port Ordinance 1962 japplika ghall-kazijiet fejn il-merkanzija tigi depozitata fil-berah.

It-tielet eccezzjoni tirigwarda l-art. 90 u t-Tlettax-il Skeda tal-Port Geulations 1966. Dwar dan diga` gie deciz drabi ohra li dak ir-regolament ma jeskludix ir-responsabbilta` tal-Cargo Handling. Hekk per ezempju

fis-sentenza fuq citata fl-ismijiet "Joseph Felice Pace noe vs Godwin Abela noe":

*"Ir-regolament ma jipprovdix ghar-relazzjoni tal-Cargo Handling u l-importatur, imma jipprovdi ghar-relazzjoni tas-Suprintendent ma' min jircievi l-ordni ta' l-istess Suprintendent, li fiz-zmien li sar – fl-1966 – kien ikun is-sid, waqt li llum post dan ittiehed mill-Carho Handling li tinghata u tircievi l-ordni minghand is-Suprintendent. Il-Cargo Handling ghandha drittijiet u obbligi versu l-importatur li gejjin mill-funzjonijiet u l-attivitajiet li gew akkordati lilha u fost dawn l-obbligi hemm dak illi jekk ikollha f'idejha merkanzija li ma tistax tahzen, u jkollha zzomm fil-berah, trid thares l-istess merkanzija minn kull hsara li tista' tigrilha minhabba dan il-fatt."*

Din it-tielet eccezzjoni hi b'hekk ukoll michuda.

Ir-raba' eccezzjoni tirrigwarda *survey fees*. Mill-atti pero` ma jirrizultax li sar *survey*. Difatti mid-Dok. 4 li huwa s-"SMALL CLAIM INFORMATION FORM" insibu ndikati dawn il-kliem:

> "**Reason for dispensing with Survey:** Satisfied – made in good faith."

Jigifieri m'hemmx dubju li *survey* ma sarx. Il-fatt li r-rapprezentant tas-socjeta` assikuratrici Noel Ellul ivverifika l-hsarat u nuqqasijiet ma jistax jinghad li jikkostitwixxi s-*survey*. Pero` fuq l-istess dokument hemm indikat l-ammont ta' Lm112 bhala *agency fees*. Huwa ovvju li fic-citazzjoni l-attur nomine qed jirreferi ghall-istess oggett, cioe` s-somma ta' Lm112 addizzjonali in lineja ta' danni u ghalhekk xorta se jittiehdu in konsiderazzjoni mill-Qorti. Issa ghalkemm is-socjeta` attrici ma gietx formalment surrogata fid-drittijiet tal-importatur rigward dawn id-drittijiet (difatti fid-Dok. 3 a fol. 8 jirrizulta li s-surroga saret fir-rigward tas-somma ta' Lm2161.80), dawn kienu dovuti lilha u "ghalhekk kien hemm tpacija bejn id-debitu tal-importatur ghal dawn l-ispejjez u l-kreditu tieghu ghalihom in forza tal-kuntratt ta' assikurazzjoni" (Noel Ellul noe vs Comm. Silvio Mifsud et noe et, deciz fl-24 ta' Gunju 1996, Citaz. 929/92 JDC). Konsegwentement din is-somma hija dovuta.

Dwar il-hames eccezzjoni li tirrigwarda l-imghax gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet "Dr. Simon Micallef Stafrace noe vs Godwin Abela et noe" (Citaz. Nru. 572/95 GCC) deciza fit-22 ta' Mejju 1998 li l-Qorti *"ma tarax ghala min jikkontesta talba ghalkemm jahti ghall-hsara, u ghalhekk izomm f'idejh sakemm iddum il-*

*kawza flus li jmissu lil haddiehor, ghandu jkun stmat ahjar minn min jistqarr il-htija tieghu u jhallas mill-ewwel. Min jiehu r-riskju li jikkontesta kawza, u ghalhekk itawwal iz-zmien tal-hlas, ghandu jwiegeb ghall-konsegwenzi kollha tad-dewmien."* Inoltre, in vista ta' l-ilment li ma kenitx giet esebita polza ta' assikurazzjoni, giet esebita kopja taghha minn Dr. Joseph Zammit McKeon fis-seduta peritali tat-18 ta' Novembru 1997. Fl-ahharnett il-principju *in illiquidis non fit mora* mhux applikabbli peress li s-socjeta` attrici talbet il-hlas ta' somma specifika u mhux ammont *da liquidarsi*.
Din l-ahhar eccezzjoni hi konsegwentement michuda wkoll.

Ghaldaqstant is-socjeta` konvenuta Cargo Handling hi responsabbli ghall-hlas lis-socjeta` attrici tas-somma komplessiva ta' Lm2247.80 (cioe` Lm2135.80 + Lm112).

Fl-ahharnett, jigi rimarkat ghall-fini ta' l-ispejjez tal-kawza, li s-socjeta` attrici ma resqitx provi biex turi x'passi hadet biex tipprova tirkupra d-danni qabel ma ntavolat ic-citazzjoni u ghalhekk l-ispejjez tas-socjeta` konvenuta Cassar & Cooper ghandhom jigu sopportati minnha.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti William L. Harding u John C. Cooper nomine u tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet l-ohra taghhom, tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut Godwin Abela nomine u ghalhekk tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd. billi

(1) tiddikjara lill-istess socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd. responsabbli ghad-danni fuq imsemmija, u
(2) tikkundannaha thallas lill-attur nomine s-somma fuq imsemmija ta' Lm2247.80 in lineja ta' danni bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut Godwin Abela nomine salv dawk tal-konvenuti William L. Harding et nomine li, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, jigu sopportati mill-attur nomine.

ONOR. IMHALLEF
DOTTOR DAVID SCICLUNA                                   D/REGISTRATUR